# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-8 ta Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 294/2011**

**Ivan Magro**
**(ID Nru. 498875 M)**

**vs.**

**Citadel Insurance p.l.c.**
**(C-21550)**

**u**

**Adrian u Cheryl konjugi Sillato**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-23 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kien involut f’incident stradali fit-22 ta’ Mejju, 2009;

1.2. Illi f’dan l-incident, waqt li hu kien qed isuq il-mutur tieghu numru BBJ-313, intlaqat minn wara mill-intimat Adrian Sillato li kien qed isuq il-vettura numru ADR-079, (ara foll 5);

1.3. Illi r-risponsabbilita` tal-istess incident hi unikament tal-istess intimat indikat fil-paragrafu precedenti;

1.4. Illi rizultat tal-istess sofra diversi feriti, (area foll 10 sa 18);

1.5. Illi kellu wkoll jirrikorri ghas-servizzi ta’ tobba privati;

1.6. Illi b’rizultat tal-istess incident sofra dizabilita` permanenti ta’ 5%, (ara foll 14);

1.7. Illi nefaq tliet mija u tmin euro u erbghin centezmu, (€308.40), fi spejjez ta’ konsultazzjonijiet medici, (ara foll 19);

1.8. Illi nefaq ukoll spejjez ohra ghax-xiri ta’ medicini, (ara foll 31 sa 33);

1.9. Illi anke l-mutur tieghu sofra diversi hsarat ammontanti komplessivament ghal mitejn u disgha u sittin euro u hamsin centezmu, (€269.50), (ara foll 34 u 35);

1.10. Illi ghad fadal tiswijiet ohra xi jsiru, ammontanti ghal sitt mija u seba’ u sittin euro, (€667.00), (ara foll 36);

1.11. Illi s-socjeta` assikuratrici intimata hi s-socjeta` assikuratrici tal-mutur tar-rikorrenti, (ara foll 43), u hi wkoll is-socjeta` assikuratrici tal-vettura tal-intimat, (ara foll 2);

1.12. Illi skont ir-rapport tas-surveyor tal-istess socjeta` assikuratrici intimata, (ara foll 45), il-licenzja tal-mutur tar-rikorrenti giet kancellata, (ara foll 46);

1.13. Illi *stante* li r-rikorrenti jahdem fil-Korp tal-Pulizija, d-dizabilita` riskontrata tista' tillimita x-xoghol tieghu jew il-progress fl-istess;

1.14. Illi *nonostante* li interpellata biex thallas id-danni sofferti mir-rikorrenti, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.15. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.15.1. Tiddikjara li l-incident stradali in dizamina tat-22 ta' Mejju, 2009, sehh unikament tort tal-intimat Adrian Sillato;

1.15.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-istess;

1.15.3. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-ammont hekk likwidat, bl-interessi mid-data tal-incident;

1.15.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-digiet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-5 t'April, 2011, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3. Rat ukoll id-digriet ulterjuri tal-istess qorti li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, li permezz tieghu tat dawk l-istruzzjonijiet proceduarli li deherilha xieraq, (ara foll 53);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-29 t'April, 2011, li permezz taghha l-intimati irrispondew sintetikament bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 69):

4.1. Illi preliminarjament l-intimata Cheryl Sillato mhiex il-legittima kontraditrici ghat-talbiet tar-rikorrenti;

4.2. Illi konsegwentement, l-istess intimata Cheryl Sillato ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4.3. Illi l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta *stante* li l-incident in dizamina sehh unikament tort u htija tal-istess rikorrenti;

4.4. Illi t-tieni (2) talba tar-rikorrenti ghandha wkoll tigi respinta *stante* li m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti;

4.5. Illi l-entita` tad-danni pretizi mir-rikorrenti huma kkontestati, u ghalhekk ghandu jgib prova ta' dak minnu rikjamat;

4.6. Illi t-tielet (3) talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta billi l-intimati m'ghandhomx ikunu kkundannati jhallsu danni lir-rikorrenti;

4.7. Illi *di piu`*, t-talba tar-rikorrenti ghall-hlas tal-imghax mid-data tal-incident hi infondata u *se mai*, l-imghax ghandu jiddekorri biss mid-data tas-sentenza *stante* li *in liquidus non fit mora*;

4.8. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha wkoll diversament preseduta datat l-20 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu appuntat espert mediku u assistent gudizzjarju hemm indikati, (ara foll 73 sa 75);

6. Rat ir-rapport mediku datat it-12 ta' Settembru, 2011, (ara foll 85);

7. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-3 ta' Jannar, 2012, (ara foll 92 u 93), li permezz tieghu, wara talba appozita tar-rikorrenti datata d-9 ta' Dicembru, 2011, (ara foll 90), u l-insistenza fir-rigward mill-istess, (ara foll 92), appuntat perizja addizzjonali (ara wkoll foll 94);

8. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju fuq riferita tirritorna l-inkartament fl-atti ta' din il-procedura (ara foll 137);

9. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u

fit-termini hemm indikati, (ara foll 172) u kif sussegwentement estizi, (ara foll 179 u foll 185);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-3 t'Ottubru, 2016, (ara foll 180), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati *Citadel Insurance p.l.c.* u Adrian Sillato datata l-1 ta' Marzu, 2017, (ara foll 187);

11. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-11 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistrihu fuq in-noti minnhomipprezentati, (ara foll 193);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

12.1. Illi l-incident in dizamina sehh fit-22 ta' Mejju, 2009, fi Triq San Anard, Hal Tarxien, ghall-habta tal-5.30p.m. u s-6.00p.m. (ara foll 5, 77E, 78 u 158A);

12.2. Illi r-rikorrenti jallega li waqt li kien ghaddej fit-Triq tal-Barrani, hu waqaf biex imur lejn iz-Zejtun, u waqt li kien wieqaf qala daqqa minn wara mill-vettura misjuga mill-intimat Adrian Sillato, (ara foll 77A);

12.3. Illi min-naha tieghu l-intimat Adrian Sillato jsosstni li waqt li hu kien gej min-naha ta' Bulebel fid-direzzjoni lejn il-Belt innota li l-mutur li kien quddiemu kien ser jikser ghal triq li qeghda f'salib it-toroq, u waqt li s-sewwieq tal-mutur ghamel din il-manuvra, ghalkemm ipprova jevitah, il-kollizjoni kienet inevitabbli, (ara foll 158A u 158B);

12.4. Illi r-rikorrenti isosstni li l-intimat fuq riferit hu unikament responsabbli ghall-akkadut, u li ghalhekk ghandu jigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-istess rikorrenti;

12.5. Illi l-intimati Sillato jssostnu differenti, senjatament:

12.5.1. Illi l-intimata Cheryl Sillato mhix il-legittimu kontradittur; u

12.5.2. Illi hu r-rikorrenti li hu responsabbli ghall-incident *de quo*;

12.5.3. Illi jikkontestaw ukoll id-danni rikjamati;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi effettivament jirrizulta s-segwenti:

13.1. Illi l-incident *de quo* sehh fil-gurnata u fil-hin indikat aktar qabel, (ara paragrafu numru tnax punt wiehed, (12.1.);

13.2. Illi r-rikorrenti kien qed isuq il-mutur tal-marka Honda BBJ-313, (ara foll 5 u 6);

13.3. Illi l-intimat Adrian Sillato kien qed isuq il-vettura tal-marka Suzuki Vitara numru ADR-079, (ara foll 5);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Cheryl Sillato, jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi l-kwistjoni sollevata mill-imsemmija eccezzjoni preliminari hi rizolta b'referenza ghall-artiklu 1322 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "1. L-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga;
>
> "2. Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien"

14.2. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghall-insenjament tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza **Joseph Attard et vs. Ray Avallone**, datata l-**24 ta' Mejju, 2011**, li tghid:

> "Illi huma maghruf u accettat li l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja bejn il-mizzewgin huma dawk li l-ligi espressament u tassattivament issemmi. Dawn l-ghemejjel kollha jitolbu s-sehem flimkien tal-mizzewgin. Ghalhekk, l-jedd li wiehed iharrek jew li jkun imharrek dwar l-imsemmija atti jghodd biss ghal dawk l-ghemejjel u mhux ghal ohrajn. Fejn il-ligi riedet taghzel, ghazlet. It-tifsira u t-thaddim ta' dawk id-dispozizzjonijiet specjali ghandha tkun wahda restrittiva...";

Ikkunsidrat:

15. Illi ghandu jkun pacifiku li l-att meritu tal-procedura in dizamina ma jirrizultax li hu xi att ta' amministrazzjoni straordinarju kif fuq delineat;

16. Illi konsegwentement, in linea mal-artiklu 1322 tal-Kap 16 fuq elenkat, ma jirrizultax li kien hem mil-htiega li l-intimat Cheryl Sillato tigi traxxinata fil-procedura odjerna;

17. Illi in vista tal-premess, l-eccezzjoni preliminari fir-rigward ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-rigward tal-mertu tal-vertenza odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi l-protagonisti tal-vertenza odjerna jaghtu versjonijiet kontrastanti, (ara paragrafi numru tnax punt tnejn, (12.2.) u tnax punt tlieta, (12.3.), aktar qabel);

18.2. Illi mill-investigazzjoni tas-Surgent tal-Pulizija li marret fuq il-post tal-incident irrizulta s-segwenti, (ara foll 77F):

18.2.1. Illi z-zewg konducenti protogonisti tal-vertenza in dizamina kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni u kienu wara xulxin;

18.2.2. Illi hin minnhom is-sewwieq tal-mutur, (ir-rikorrenti), li kien madwar ftit metri quddiem il-vettura tal-intimat, kien ser jikser kejn Triq iz-Zejtun, Hal Tarxien, (ara foll 81);

18.2.3. Illi l-vettura bin-numru ADR-079, (l-intimat Adrian Sillato), baqghet diehla gol-mutur;

18.2.4. Illi wara l-incident il-vetturi kkoncernati spiccaw kif jidhru fl-iskizz redat mill-istess Surgent, (ara foll 77E u 83);

Ikkunsidrat:

19. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri**, fl-ismijiet **Ivan Gauci vs. Massimo Apap**, datata t-**30 ta' Mejju, 2008**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Intant, gialadarba hu ppruvat li l-konvenut kien qieghed isegwi l-vettura tal-attur hu l-konvenut li kellhu allura jaccerta ruhhu mill-intenzjonijiet tal-ahhar, u, apparti li jzomm *"proper look out"* izomm ukoll *"a safe distance"* bejn il-vettura tieghu u dik tal-attur. Hu principju assodat fil-gurisprudenza li sewwieq ta' vettura ghandu jsuq b'mod diligenti tali li jkollu l-kontroll shih tal-vettura misjuga minnu. Konformement ma' dan huwa ghandu l-obbligu li jassikura li s-sewqan tieghu ma jppogiehx f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jista` jirreagixxi b'mod adegwat ghall-emergenza li tista' tinholoq";

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-insenjament suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-intimat, bhala l-persuna li kienet qed issuq wara r-rikorrenti, kellu l-obbligu li:

20.1. Izomm kemm il-“proper look out”; kif ukoll

20.2. Izomm distanza ragonevoli mill-vettura ta’ quddiemu;

21. Illi dawn il-mizuri m’ghandhomx jinzammu superficjalment, izda bl-iskop preciz biex f’kaz ta’ xi eventwalita` ta’ necessita` li tista tqum b’mod subitranju, il-konducent li jkun fil-posizzjoni ta’ wara jkun jista’ jwaqqaf il-vettura tieghu minghajr ma jidhol fil-konducent li jkun quddiemu - f’dan il-kaz ir-rikorrenti - li l-istess intimat isosstni li ma setghax jevita, (ara foll 158B);

22. Illi jirrizulta wkoll li l-hsarat rikontrati fuq il-vettura tal-intimat huma kompatibbli mal-fatt li l-istess intimat kien qed isuq wara r-rikorrenti u dahal fih minn warajh, (ara foll 6, 8 u 159 – 167);

23. Illi r-rikorrenti jsosstni *di piu`*, li waqt li kien wieqaf quddiem l-intimat, kellu l-*“indicator”* mixghul, (ara foll 7, 77A, 139 u 144);

24. Illi kif irriteniet f’dan ir-rigward il-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)** fis-sentenza fl-ismijiet **Matthew Brincat vs. Pio Rosario Le Brun**, datata d-**9 ta’ Novembru, 2005**:

> “M’hemmx ghalfejn jinghad illi l-konvenut ma jistax isib refugju mill-fatt li hu xeghel l-*indicator* ghaliex kif saput ‘min johrog l-*indicator* ikun qieghed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta’ warajh u ta’ quddiemu; imma umbaghad ma jistax, semplicement ghax hareg l-*indicator*, jaghmel li jrid, jikser il-prijorita` li jghatu r-regolamenti u jaqleb ‘*the rule of the road’* favur tieghu, (**Il-Pulizija vs. John Bartolo, (Appell Kriminali, 26 ta’ Gunju, 1954**)”;

25. Illi konsegwentement, jigi sottolineat li s-sinjal li l-istess rikorrenti ghamel permezz tal-*indicator* tieghu ma kienx bizzejjed biex jiskolpah minn kull responsabilita` fl-incident in dizamina;

26.0. Illi in effetti jirrizulta s-segwenti:

26.1. Illi r-rikorrenti kien qed isuq fil-karreggjata interna ta' Triq San Anard, (ara foll 8);

26.2. Illi biex ikompli l-manuvra tieghu u jaqsam ghal go Triq iz-Zejtun l-istess rikorrenti kellu jaqbez fuq in-naha ta' barra tat-triq;

26.3. Illi qabel jazzarda tali manuvra jirrizulta li anke l-istess rikorrenti kellu jezercita l-*proper look out* u l-prudenza fl-istess biex meta jeffettwa l-istess manuvra ma jikkawzax periklu ghalih jew ghal konducenti ohra utenti tal-istess triq;

26.4. Illi meta r-rikorrenti xeghel l-*indicator* u baqa` miexi ghal triqtu, hu wkoll ikkontribwixxa ghall-incident in dizamina billi irrizulta li kien non-kuranti ghat-traffiku miexi fl-istess triq;

26.5. Illi ghandu jkun pacifiku li l-uzu tal-*indicator* mhiex ekwivalenti ghal xi dritt li tista allura ssuq kif u x'hin trid;

Ikkunsidrat:

27. Illi in vista tal-paragrafu precedenti allura jigi stabbilit li ghall-incident in dizamina l-konducenti involuti ghandhom igorru responsabbilita` ugwali;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi fir-rigward id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans* allegatament sofferti mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

**A. Damnum Emergens:**

28.1. Illi skont ricevuta datata t-12 ta' Gunju, 2009, jirrizulta li r-rikorrenti ghamel spiza komplessiva fuq il-mutur

tieghu ta' mitejn u zewg euro u hamsin centezmu, (€202.50), (ara foll 35);

28.2. Illi d-dokument immarket Q. (ara foll 36), *stante* li dan hu biss stima, (ara foll 3), allura mhux ekwivalenti ghal spiza li attwalment saret u ghalhekk, m'ghandiex tigi likwidata;

28.3. Illi r-rikorrenti esebixxa diversi ricevuti, (ara foll 19 sa 30), rigwardanti medicini komplessivament ammontanti ghal tliet mija u tmienja u hamsin euro, (€358.00), liema ammont jirrizulta debitament imhallas u konsegwentement, ghandhom jigu likwidati favur ir-rikorrenti;

28.4. Illi konsegwentement l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mir-rikorrenti jammonta ghal hames mija u sittin euro u hamsin centezmu, (€560.50), komposta mis-segwenti:

28.4.1. €202.50 spejjez fuq il-mutur; u

28.4.2. €358.00 spejjez fuq medicini;

**B. Lucrum Cessans:**

28.5. Illi jigi sottolineat li fir-rigward ir-rikorrenti ma jirrizultax li gab xi prova fir-rigward – la ghal dak li jirrigwarda l-impjieg tieghu, jew il-qligh jew telf ta' qligh tieghu;

28.6. Illi *di piu`* ir-rikorrenti naqas ukoll jindika l-eta` tieghu;

28.7. Illi in vista tal-premess, ma jista' jigi likwidat l-ebda ammont fir-rigward ta' dan il-kap;

Ikkunsidrat:

29. Illi in vista tal-premess l-ammont ta' danni li ghandu jigi likwidat favur ir-rikorrenti hu ghalhekk nofs l-ammont indikat f'dan ir-rigward, (ara paragrafu numru tmienja u ghoxrin punt erbgha, (28.4.), aktar qabel), senjatament l-ammont ta' mitejn u tmenin euro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€280.25);

Ikkunsidrat:

30.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ipprova *in parte* il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

30.1. Illi l-intimata Cheryl Sillato mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk, tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju;

30.2. Tiddikjara li l-incident stradali in dizamina datat it-22 ta' Mejju, 2009, sehh tort u htija kemm tar-rikorrenti Ivan Magro u tal-intimat Adrian Sillato b'mod ugwali;

30.3. Tillikwida li d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti jammontaw ghal mitejn u tmenin euro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€280.25), kif fuq spjegat;

30.4. Tikkundanna lill-intimati socjeta` Citadel Insurance p.l.c. u Adrian Sillato biex ihallsu *in solidum* l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, (it-23 ta' Marzu, 2011);

30.5. Bl-ispejjez jinqasmu bejn il-kontendenti, senjatament nofs mir-rikorrenti u nofs mill-intimati hawn indikati *in solidum*.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**